MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 320/2005

**Paul u Dolores konjugi Gatt**

**Vs**

**Joseph u Maria Carmela konjugi Gialanze**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fis-7 ta' April 2005 l-attur qieghed jitlob il-qasma ta' porzjon art b'kejl ta' cirka tomna maghrufa tal-Gaxu, Haz-Zabbar li hi koproprjeta tal-kontedenti, in kwantu ghal terz (1/3) indiviz ghall-atturi u l-kumplament ghall-konvenuti. L-atturi spjegaw li originarjament l-art kienet inxtrat ma' certu Joseph Mizzi, permezz ta' kuntratt pubblikat fit-30 ta' Marzu 1982 min-nutar Dr Joseph Agius. Wara b'kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1982 pubblikat min-nutar Dr George Cassar, Mizzi biegh sehemu lil Gialanze. It-talbiet tal-atturi huma s-segwenti:-

1. Jigi dikjarat li l-art oggett tal-kawza hi koproprjeta tal-kontendenti fi kwota ta' terz indiviz ghall-atturi u zewg terzi indivizi ghall-konvenuti.

2. Jigi dikjarat li l-art hi kommodament divizibbli f’zewg porzjonijiet kif inghad hawn fuq.
3. Issir il-qasma tal-art fl-ishma fuq imsemmija.
4. Tigi assenjata lil kull wahda mill-partijiet porzjon mill-art li tkun tirrifletti s-sehem li ghandha fi proprjeta.
5. Tordna li perit jaghmel il-marki fl-art biex ikunu jirriflettu s-sehem li kull wahda mill-partijiet tigi assenjata.
6. Tordna li l-konvenuti jwaqqghu, ghas-spejjez taghhom, kull struttura li ghamlu f’dik il-porzjon art li tigi assenjata lill-atturi.
7. Tordna lill-konvenuti jirrilaxxaw il-porzjon art li tigi assenjata lill-atturi.
8. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-konvenuti f’kaz li jibqghu kontumaci fuq l-att ta’ qasma.
9. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta’ qasma u tiffissa data, hin u lok ghal pubblikazzjoni tal-att relattiv.

Il-konvenuti m’humiex joggezzjonaw ghall-qasma, pero ma jridux jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez.

Bhala perit tekniku gie nkarigat il-perit Godwin Abela li hejja pjan ta’ qasma f’rapport li pprezenta fit-23 ta’ Awissu 2007. Skond il-perit tekniku l-art fiha kejl ta’ 924.487 metri kwadri, li minnhom 308.161 ghandhom jinghataw lil Paul Gatt et, u 616.326 ghandhom jinghataw lil Joseph Gialanze et.

Gara li fit-13 ta’ Jannar 2010 kien pubblikat avviz ta’ dikjarazzjoni mahruga mill-President ta’ Malta ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, u li biha giet esproprijata l-art ghax-xiri assolut ghal skop pubbliku (ara Gazzetta tal-Gvern numru 18,533 tat-13 ta’ Jannar 2010). Paul Gatt ghamel proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet (Rikors numru 32/2010) fejn oggezzjona ghall-kumpens li offra l-Gvern, u qieghed jitlob li l-kumpens xieraq ghandu jkun ta’ €158,333 jew ammont iehor li l-Bord hu tal-fehma li hu xieraq. Il-proceduri ghadhom pendenti.

Fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2011 id-difensuri tal-partijiet *‘….. talbu li minkejja li hemm il-proceduri pendenti quddiem l-LAB, il-qorti tghaddi ghas-sentenza.’*.

Madankollu mhux possibbli li l-qorti tordna l-qasma tal-art, peress li bid-dikjarazzjoni tal-President l-art saret proprjeta tal-Gvern. Fil-fatt l-Artikolu 22(8) tal-Kap. 88 jipprovdi :-

*‘(8) Hekk kif issir id-Dikjarazzjoni mill-President skont din l-Ordinanza li xi art għandha tkun akkwistata bix-xiri assolut tagħha, il-proprjetà assoluta ta’ dik l-art li dwarha tkun tirreferixxi d-dikjarazzjoni għandha titqies li tkun area ta’ reġistrazzjoni għall-finijiet tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Artijiet u l-**proprjetà assoluta ta’ dik l-art għandha bis-saħħa ta’ din l-Ordinanza u mingħajr ebda assikurazzjoni jew formalità oħra, tkun trasferita lejn u tkun akkwistata mill-awtorità kompetenti libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ u bil-pertinenzi kollha tagħha**, u l-awtorità kompetenti għandha tara li dik l-art tiġi reġistrata fir-Reġistru tal-Artijiet f’isimha skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal- Artijiet, u dana fi żmien tliet xhur mill-ħruġ tad-Dikjarazzjoni tal-President.’.*

Ghalhekk hu evidenti li minhabba l-esproprju m’hemmx art x’tinqasam. Dak li ghandhom  dritt ghalih il-partijiet hu kumpens skond is-sehem li kellhom fl-art, u li ghad irid jigi determinat fil-proceduri pendenti quddiem il-Bord.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddikjara l-meritu ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-atturi.**

**Spejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-perizja skond is-sehem li kull parti kellha fl-art.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------